Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2689

28.11.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2689

## tas-27 ta' Novembru 2023

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2245 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni mħarrġa mill-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna b'tagħmir militari, u pjattaformi, imfassla biex iwasslu forza letali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2245 ([1]), li stabbiliet miżura ta' assistenza biex tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Forzi Armati tal-Ukrajna permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) biex tiġi difiża l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna kif ukoll biex tiġi protetta l-popolazzjoni ċivili mill-aggressjoni militari li għaddejja.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill Ewropew ikkonferma mill-ġdid ir-rieda tal-Unjoni li tkompli tipprovdi appoġġ militari sostenibbli lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ, b'mod partikolari permezz ta' EUMAM Ukraine u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

(3) F'ittra datata t-23 ta' Awwissu 2023, l-awtoritajiet Ukreni rrikonoxxew il-kontribut mogħti minn EUMAM Ukraine u talbu estensjoni tat-taħriġ ta' EUMAM Ukraine lill-Gwardja Nazzjonali, lis-Servizz tal-Fruntiera tal-Istat, lill-Pulizija Nazzjonali u lis-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna, għal dawk l-unitajiet taħt il-kontroll operazzjonali tal-Forzi Armati tal-Ukrajna.

(4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-miżura ta' assistenza stabbilita bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2245 tkompli tappoġġa l-isforzi ta' taħriġ ta' EUMAM Ukraine u, għalhekk, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 184 000 000 addizzjonali u li d-durata tagħha tiġi estiża għal 60 xahar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2245 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Id-durata tal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' 60 xahar mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 200 000 000.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-operazzjonijiet jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 200 000 000. Il-fondi li għalihom jagħmel sejħa l-amministratur għall-operazzjonijiet għandhom jintużaw biss biex tithallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġit relatat li jikkorrispondi għall-Miżura ta' Assistenza.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2245 tal-14 ta' Novembru 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni mħarrġa mill-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna b'tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 294, 15.11.2022, p. 25).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Y. DÍAZ PÉREZ